MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1069/2003

**Nazzarenu sive Reno Zarb**

**vs**

**Keith Joseph u Lucy Anne konjugi Mallia**

Il-Qorti:

Rat c-citazzjoni ippresentata mill-attur fis-17 ta' Ottubru, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 21 ta' Novembru 2000 annessa u mmarkata bhala Dokument NZ 1, il-konvenuti huma debituri ta' l-attur fl-ammont ta' hamest elef u mitejn lira Maltin (LM5,200) rapprezentanti self koncess lilhom mill-attur;

Illi l-attur sellef din is-somma lill-konvenuti meta kienu fil-bzonn izda dawn m'ghamlu xejn hlief approffittaw mill-generosita tal-attur;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qed jipprezenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dokument NZ 2);

Illi avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

Illi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra l-kanonizzazzjoni ta' dan il-kreditu;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddeciedi l-kawza din it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef u mitejn lira Maltin (LM5,200) rapprezentanti self moghti lilhom ai termini tal-iskrittura privata datata 21 ta' Novembru 2000;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2002, u bl-interessi legali mid-data meta l-pagament kien dovut kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi t-talbiet tattriici huma insostenibbli ghax imorru kontra public policy;
2. Illi l-ammont verament misluf gie mhallas lura in toto;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenuti kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom li in forza taghha, wara li ppremettew:

1. Illi fil-21 ta' Novembru 2000 giet iffirmata skrittura privata bejn l-attur u l-konvenuti dwar self ta' flus ghall-ammont ta' LM5,200 (hamest elef u mitejn lira Maltin);
2. Illi l-imsemmija skrittura privata hija messa in scena, ghax l-ammont misluf verament kien hafna anqas minn dak imnizzel fl-imsemmija skrittura privata;
3. Illi d-differenza fl-ammont imnizzel fl-imsemmija skrittura privata kien jikkonsisti f'imghax illegali;

Talbu li l-attur ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet imsemmija :

1. tiddikjara l-imsemmijia skrittura privata nulla u bla effett fil-ligi u bejn il-partijiet, stante li hija skrittura ta' uzura;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-imsemmija skrittura privata hija nulla u bla effett fil-ligi u bejn il-partijiet, stante li hija skrittura ta' uzura hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant it-talbiet tal-kontro-talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohrajn;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja li l-attur inghata l-opportunita sabiex jipprezenta Nota ta’ Sottomissjonijiet baqa ma ipprezenta l-ebda nota u ghalhekk il-Qorti rat biss in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut Keith Joseph Mallia u qal illi huwa kien xtara vettura minghand l-attur ghas-somma ta’ elf u tlett mitt lira Maltin (LM1.300). Il-vettura kienet ta’ l-ghamla Fiat Panda. F’dik l-okkazzjoni l-attur kien silfu wkoll somma fi flus kontanti u cioe’ is-somma ta’ elf u mitejn lira (LM1,200), izda kienu ftehmu li kienu ser imorru ghand Nutar u inizzlu illi l-attur kien qieghed jaghtih ferm aktar minn kemm effettivament kien selfu u ghalhekk kienu nizlu illi l-attur kien selfu l-ammont ta’ hamest elef u mitejn lira Maltin (LM5,200) kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 5 tal-process. Il-konvenut kompla jixhed illi peress illi huwa u martu f’dik l-iskrittura kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lura is-somma in kwistjoni lill-attur permezz ta’ pagamenti ta’ mitt lira fix-xahar u sabuha ferm difficli biex ihallsu dawn il-pagamenti, hu kien kellem lill-attur u kienu ftehmu li kien ser jibda jhallas lill-attur is-somma ta’ hamsin lira (LM50) fil-gimgha u mhux mitt lira fil-gimgha u ghalhekk regghu marru ghand in-Nutar u ghamlu skrittura ohra fis-sens illi is-somma mislufa kienet ta’ erbat elef lira Maltin (LM4,000), u hu kien obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont permezz ta’ pagamenti settimanali ta’ hamsin lira (LM50). Il-konvenut xehed illi kull meta kien ihallas kemm il-mitt lira (LM100) u anke il-hamsin lira (LM50) fil-gimgha lill-attur, l-attur kien jiffirmalu fuq ktieb, izda dan il-ktieb il-konvenut kien tah lill-omm l-attur u wara kienu qalulu li dan il-ktieb kien intilef. Madanakollu, huwa kien irrapporta b’kollox lill-Ispettur Bernard Zarb. Il-konvenut xehed illi jikkalkula li ghad fadallu jhallas lura lill-attur, meta iqis l-ammont li kien selfu u kemm kien raddlu lura, is-somma ta’ bejn tmien mitt lira (LM800) u disa’ mitt lira Maltin (LM900). Il-konvenut kompla jixhed illi ghad fadallu jhallas bejn tmien mitt lira (LM800) u disa’ mitt lira

Maltin (LM900) sabiex jilhaq is-somma ta’ erbghat elef lira Maltin (LM4,000), is-somma illi effettivament l-attur kien silfu, cioe’ l-elfejn u hames mitt lira (LM2,500) maghmulin fil-prezz ta’ vettura u fi flus kontanti. Il-konvenut xehed illi dawk huwa hallashom u anke qabizhom u ghalhekk issa fadallu jhallas l-imghaxijiet. Il-konvenut xehed illi l-attur gieli kien qallu biex joqghod attent u ma jirrabjahx peress illi huwa kellu zewg karti iffirmati mill-konvenut, karta li turi il-prezz ta’ hamest elef lira (LM5,000) u l-ohra li turi il-prezz ta’ erbghat elef lira (LM4,000) u kien jheddu illi huwa setgha dejjem jghid illi huwa kellu jiehu minghandu is-somma ta’ disghat elef lira Maltin (LM9,000). L-attur kien isemmilu wkoll il-post fejn kien joqghod hu, jigifieri il-konvenut, u kien jghidlu illi hu, jigifieri il-konvenut kien fadallu jhallas il-loan fuq il-post lill-bank. Il-konvenut xehed ukoll illi f’dan ir-rigward l-attur kien tkixxef u sab illi l-konvenut kien ghad ghandu jhallas pagamenti lill-bank u ghalhekk l-attur kien jghidlu illi huwa kien ghad fadallu jiehu il-post tieghu u huwa isib ruhu barra. Il-konvenut xehed illi l-attur kien jippretendi li jhallsu fi zmien qasir, gieli kien jghidlu aghtini mija u hamsin lira (LM150) fil-gimgha u fi zmien siegha gej ghalihom u il-konvenut kien ihallsu ghax kien jibza minnu u dana peress illi kien jheddu. Skond il-konvenut, darba minnhom l-attur kien dahal ghalih b’revolver li sussegwentement irnexxielu jiehdu f’idejh u kien induna li ir-revolver kien vojt. In kontro-ezami, il-konvenut xehed li ma kienx irapporta lill-pulizija dwar dawn l-affarijiet u dana peress li kien jibza mill-attur li kien imur id-dar tieghu u jaghmel hafna storbju u ghajjat. Il-konvenut xehed illi huwa dak iz-zmien kellu tifel ta’ 7 snin li ghadu imwerwer sallum mill-attur. Skond il-konvenut l-attur gieli ipprova jerfa jdejh fuq il-mara tieghu wkoll, izda qatt ma sawwatha. Il-konvenut xehed illi ghandu kopja tat-tieni skrittura li tindika li ghandu jaghti lill-attur is-somma ta’ erbghat elef lira (LM4,000) u ipprometta li kien ser jesebixxi kopja ta’ din l-iskrittura li kien ghamilha tlett xhur wara li kienet giet iffirmata l-ewwel skrittura u li kienet saret ghand Nutar differenti. Il-konvenut kompla jixhed in kontro-ezami illi wara li kienu marru ghand in-Nutar biex ghamlu l-ewwel skrittura, hu kien iffirma xi kambjali u dawn kien iffirmahom fir-rigward ta’ l-ammont li kellu jaghti lill-attur ghall-vettura il-Fiat Panda.

Sussegwentement, meta kien qieghed ihallas il-kambjali, l-attur kien qallu li ried jaghmel kollox f'daqqa. Fil-fatt hekk ghamlu u ghalhekk giet iffirmata skrittura ohra li kienet turi li l-konvenut ghandu jhallas aktar minn hamest elef lira (LM5,000) lill-attur u kienu marru ghand in-Nutar fejn giet redatta u iffirmata l-ewwel skrittura. Il-konvenut umbaghad xehed illi ma kienx cert jekk fil-fatt il-kambjali ghamluhomx wara li saret l-ewwel skrittura jew le u qal illi ser jivverifika id-dati u jerga jixhed dwar dan il-punt. Il-konvenut xehed illi it-tieni darba ma kienux marru ghand Nutar, izda ghand avukat li kien jismu Dr David Camilleri u kienu imorru l-ufficju tieghu iz-Zurrieq.

Ikkunsidrat :

Sussegwentement il-konvenut rega' xehed u esebixxa it-tieni skittura li hija datata 14 ta' April tas-sena 2000 u li giet iffirmata quddiem l-avukat Dr David Camilleri. Din l-iskrittura tixhed illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' erbghat telef u mitejn lira (LM4,200) u illi l-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma ta' mitt lira (LM100) fil-gimgha.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet ukoll il-konvenuta Lucy Anne Mallia u qalet illi hi u zewgha kienu ilhom jafu lill-attur ghal madwar hames snin mid-data li xehdet li kienet it-22 ta' Frar 2005. Hija qalet illi ftit wara li saru jafu lill-attur, zewgha ftiehem mal-attur illi l-attur kellu jisilfu is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) u huma jhallsuh lura imghax lira b'lira, cioe' ta' kull lira li kien ser jislifhom jaghtuh lira imghax, u b'hekk ghalhekk b'kollox kellhom jaghtuh is-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000). Huma bdew ihallsu is-somma ta' mitt lira fil-gimgha, izda gieli ittardjaw xi ftit u l-attur kien jigihom id-dar u isabbat mal-bieb u iwerwilhom it-tfal. Wara li hadu l-ewwel somma minghand l-attur kien hemm xi affarijet ohra li zdiedu peress li kienu xtraw ukoll vettura minghand l-attur u meta kien ikollhom bzonn xi flus l-attur kien jislifhom., L-attur kien jigi id-dar taghhom u jitlobhom imorru mieghu ghand in-Nutar biex jikber l-ammont li kien ghadu dovut minghandhom. Effettivament

kienu marru ghand nutar Haz-Zabbar u hemm hekk iffirmaw skrittura fejn tnizzel illi kellhom jaghtu lill-attur is-somma ta’ hamest elef u mitejn lira Maltin (LM5,200) meta huma effettivament kienu issellfu minghand l-attur is-somma ta’ elf u hamest mitt lira Maltin (LM1,500) u kienu hadu vettura minghandu li kienet tiswa elf u tlett mitt lira Maltin (LM1,300), ghalhekk b’kollox huma kellhom jaghtu lill-attur is-somma ta’ elfejn u tmien mitt lira Maltin (LM2,800), mentri tnizzlet is-somma ta’ hamest elef u mitejn lira Maltin (LM5,200) sabiex tkopri dan l-imghax. Il-konvenuta ikkalkolat li sa dakinhar li marru ghand in-nutar u iffirmaw l-iskrittura kienu diga hallsu lura lill-attur is-somma ta’ tmien mitt lira (LM800) permezz ta’ pagamenti ta’ mitt lira fil-gimgha. Hija qalet li kienu jaghmlu notamenti f’notebook kull meta kienu jhallsu lill-attur u kienu jitolbu lill-attur jiffirma n-notebook fir-rigward ta’ kull pagament. Il-konvenuta xehdet li kien hemm zmien fejn l-attur kien il-habs u hija kienet marret ma zewgha biex thalli il-flus ghand il-mara tieghu li kienet qeghda toqghod ghand omm l-attur, izda il-mara tieghu ma kienitx hemm u ghalhekk halliet il-pagament u n-notebook ma omm l-attur. Sussegwentement, omm l-attur kienet qaltilha li kienet tilfet in-notebook u l-attur kien allega li huma qatt ma hallew dan in-notebook ma ommu u dwar dan il-konvenuta kienet ghamlet rapport id-depot tal-Furjana mal-Ispettur Bernard Zarb. Hija xehdet illi n-notebook qatt ma rega instab. Il-konvenut xehdet illi b’kollox kienu issellfu minghand l-attur is-somma ta’ tlett elef u hamest mitt lira Maltin(LM3,500), cioe’ l-ewwel somma ta’ elf u hames mitt lira (LM1,500), il-vettura li kienet tiswa elf u tlett mitt lira (LM1,300) u l-attur kien silifhom xi flus li kienu hamsin lira ‘l hawn u mitt lira ‘l hemm. Ghalhekk b’kollox tikkalkula li kien tahom tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM3,500). Hija ikkonfermat li kienu hallsu lura lill-attur is-somma ta’ cirka erbghat elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500). Hija xehdet illi l-attur kien jaghmel pressjoni fuqhom billi darba sawwat lir-ragel taghha, kien sawwtu bil-ponn anke fil-prezenza ta’ uliedhom u dwar dawn l-incidenti kienu ghamlu rapporti kemm l-ghassa tal-pulizija, kif ukoll kienet kellmet lill-Ispettur Saliba dwar dawn l-incidenti. Il-konvenuta kompliet tixhed illi zewgha kien gie disokkupat u kienet taghti ic-cheque tar-relief kollu lill-attur

u tmur tiekol ghand ommha, izda ma setghetx thallas il-kontijiet tad-dawl u il-ilma u kontijiet ohrajn u b'hekk hija kellha tmur taghmilha ta' prostituta u damet taghmel hekk ghal 3 snin. Dan ghamlitu minn jeddha sabiex ikollha biex thallas lill-attur, izda zewgha ma kienx kuntent. Il-konvenuta xehdet illi gieli issellfet flus ukoll minghand persuni ohrajn, izda ghamlet dan biex tkun tista thallas lura lill-attur. Kienet tissellef mitt lira 'l hawn u mitt lira 'l hemm, izda dawn kienet tlahhaq maghhom. Ma setghetx tlahhaq pero' mal-pagamenti li kellha thallas lill-attur, cioe' mitt lira fil-gimgha (LM100). Hija xehdet illi kien hemm zmien illi kienu ftehmu mal-attur li kellhom jibdew ihallsuh hamsin lira fil-gimgha u mhux mitt lira, izda meta sar dan l-attur kien insista li l-imghaxijiet kellhom jizdiedu u ghalhekk kellhom izidu l-imghaxijiet.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll missier il-konvenut Emanuel Mallia, u qal illi darba minnhom kien dahal ghandu ibnu u qallu illi kellu jaghti il-flus lil xi hadd u hu kien qallu biex igib lil din il-persuna il-hanut tieghu, cioe' ta' missier il-konvenut, biex jara setghax jirranga mieghu hu u xi ftit hin wara rega' dahal ibnu akkumpanjat mill-attur. Huwa staqsa lill-attur kemm kellu jiehu minghand ibnu u dan qallu li kellu jiehu mitt lira u ghalhekk qabad mitt lira u tahomlu. Dan kien qallu wkoll meta talbu l-ircevuta illi huwa kien ser innizzilhom fil-ktieb tal-konvenut. Xi sitt xhur wara kien cempillu il-konvenut u beda jibki u qallu li ma felahx ikellmu u ghalhekk hu kien kellem lill-konvenuta li kienet qaltlu li l-attur rega kellu bzonn mitt lira ohra peress li kellhom ihallsu din is-somma qabel il-hdax ta' bil-lejl, ghaliex jekk jaqbzu il-hdax ta' bil-lejl is-somma kienet titla ghal mitejn lira. Missier il-konvenut Emanuel Mallia kompla jixhed illi ipprova ikellem lill-pulizija izda dawn irrispondewh l-ewwel darba, izda umbaghad ma irrispondewhx aktar. Kellem ukoll lill-attur bil-mobile u kien qallu li kien lest li jhallsu din is-somma ta' mitt lira, izda l-attur insista li din is-somma kellha tithallas qabel il-hdax ta' bil-lejl. Ghalhekk talab lill-konvenuta biex tigi ghandu u hu jghaddilha il-mitt lira u fil-fatt giet il-konvenuta akkumpanjata minn habib tal-konvenuti u taha is-somma

ta' mitt lira u dan kollu qabel il-hdax ta' bil-lejl. Ix-xhud kompla jixhed illi xi hames jew sitt xhur wara dan l-incident kien mar isib lill-attur f'showroom tal-karozzi il-Fgura. Hemm hekk ra lill-attur f'vettura u talbu jghidlu kemm kien ghad fadallu jaghtih ibnu u huwa qallu illi l-konvenut ma kellux jaghtih aktar flus. Huwa kien qal lill-attur biex ma issellifx aktar flus lil ibnu ghaliex hu ma kienx bi hsiebu aktar ikompli jhallas ghal dan id-dejn. Ix-xhud ikkonferma li minn dakinhar 'il quddiem l-attur qatt ma rega' gie talbu flus. Huwa kien talab lill-attur biex jaghtih ircevuta izda dan kien irrifjuta illi jaghtih ircevuta.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Etienne Mangion u qal illi huwa jaf lill-Keith Mallia, il-konvenut, li huwa garr tieghu. Huwa qal illi xi snin qabel kien cempillu il-konvenut u talbu jaghmillu pjacir billi iwassal lill-konvenuta Wied il-Ghajn sabiex thallas pagament ta' mitt lira (LM100) lil certu Reno. Ix-xhud qal illi huwa hekk ghamel. Ra envelope f'idejn il-konvenuta, wassalha, izda ma dahalx maghha. Hadha x'imkien Wied il-Ghajn, baqa jistenniha fil-vettura u wassalha lura id-dar. Ix-xhud ma ftakar xejn aktar.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi apparti id-dikjarazzjoni guramentata illi ghamel l-attur permezz ta' l-affidavit illi gie esebit mac-citazzjoni tieghu, huwa ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-talbiet tieghu u finalment naqas milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Dan jikkontrasta ferm mal-posizzjoni illi hadu il-konvenuti illi xehdu u telghu wkoll diversi xhieda sabiex jikkollaboraw ix-xhieda taghhom.

Illi l-Qorti rat illi l-Artikolu 1852 tal-Kap 16 jghid hekk fl-ewwel paragrafu :

"(1) L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.
(2) li jekk jigi miftiehem imghax aktar gholi dan ghandu jigi imnaqqas
sal-limiti li huwa permessibbli u

(3) li f'kaz li jkun gie imhallas imghax izjed minn dak li taghti il-Ligi iz-zejjed jinqata' mill-kapital."

L-Artikoli 986 (2) u 1853 tal-Kap. 16 jghidu ukoll li jekk isir xi kuntratt jew obbligazzjoni ghall-hlas ta' imghaxijiet ghola minn dawk moghtija mill-Ligi dik l-obbligazzjoni jew kuntratt ghall-hlas ta' imghaxijiet b'eccess bi tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla ghal dak li huwa zejjed.

Illi din il-posizzjoni giet ukoll imhaddna fil-gurisprudenza nostrana, vide is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Antonio Xuereb vs Maria vedova Leone deciza fid-19 ta' Jannar 1864, kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Lorenza Bellia vs Carmelo Zammit et tat-18 ta' Gunju 1945 u sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Lia vs Emmanuele Genovese deciza fl-4 ta' Marzu 1938.

Illi l-Qorti rat id-dokument NZ1 u ikkonstatat illi dan mhuwiex il-kuntratt originali u lanqas ma hu vera kopja tal-kuntratt originali u ghalhekk tara illi l-attur naqas milli jipprova it-talbiet tieghu.

Illi inoltre, l-ammont ta' imghax imsemmi f'din l-iskrittura huwa ta' disgha u nofs fil-mija u dan huwa kontra dak li tghid il-Ligi illi tistabilixxi il-massimu ta' l-imghax li jista jintalab fl-ammont ta' tmienja fil-mija.

Ikkunsidrat :

Illi kif irritenew il-Qrati taghna, mhux kull dikjarazzjoni skorretta jew invertiera, anki jekk volontarja, u ntiza biex b'xi mod tqarraq fi skrittura li tohloq obligazzjoni, tirrendi dik l-iskrittura b'kawza illecita u allura tirrendiha nulla u bla effett fil-ligi. Hi l-obligazzjoni infisha li trid tkun illecita u ipprojbita mil-ligi.  Trid tkun kuntrarja ghal ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Il-fatt biss li, ghal ragunijiet taghhom, il-kontraenti jaghmlu konxjament fil-kuntratt dikjarazzjonijiet li ma jkunux vertieri ghal skop ta'  vantagg imma li ma jolqtux il-kawza ta' l-obligazzjonijiet nfisha ma jirrendux dik l-obligazzjoni bla ebda effett, u ghalhekk invalida.

Illi huwa minnu li meta tirrizulta kawza illecita jew kontra l-ordni pubbliku in-nullita ta' l-obligazzjoni tista tigi sollevata mill-Qorti ex officio. Izda naturalment qabel ma dan jista jsir il-Qorti trid tkun verament sodisfatta illi tali kienet il-kawza ta' l-obligazzjoni in ezami.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti hija sodisfatta illi tezisti kawza illecita peress illi l-l-iskrittura esebita a fol. 5 issemmi interessi ta' 9%.

Illi ukoll kif diga intqal, lanqas tressqet vera kopja ta' din l-istess skrittura u lanqas ma tela jixhed in-nutar sabiex jivverifika illi l-kopja ta' l-iskrittura hija vera kopja ta' l-original.

Illi inoltre il-Qorti, wara li ezaminat sew ix-xiehda tal-konvenuti, ix-xiehda ta' missier il-konvenut, kif ukoll ta' Etienne Mangion, rat illi hija kredibbli ferm ix-xiehda tal-konvenuti fis-sens illi huma kellhom ihallsu imghax lira b'lira.

Illi huwa ferm indikattiv illi l-attur ma ressaq l-ebda prova f'din il-kawza u lanqas ma ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Ghalhekk il-Qorti tara illi il-verzjoni ta' fatti illi taw il-konvenuti hija ferm aktar kredibbli mill-affidavit illi ipprezenta l-attur u ghalhekk il-Qorti tara illi l-attur naqas milli jipprova it-talbiet tieghu, mentri il-konvenuti irnexxielhom jippruvaw il-kontro-talba taghhom.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attur, u qeghda tichad l-eccezzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat u tilqa it-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti u tiddikjara l-iskrittura imsemmija bhala nulla u bla effett fil-Ligi u bejn il-partijiet stante illi hija skrittura ta' uzura, Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------